MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1122/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera assikuratrici Norwich Union International Insurance Limited kfi surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Manwel Azzopardi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Manwel Azzopardi**

**vs**

**Luigi Sammut u Odette Galea**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Dicembru 2003, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ April, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ hames mija u hdax-il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm511.82) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Manuel Azzopardi, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal-excess ta’ mitt lira Maltija (Lm100.00) kif ukoll sitta u erbghin lira Maltija (Lm46.00) ghall-kiri ta’ vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Manuel Azzopardi, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta’ Mejju, 2001 ghall-habta tas-7.30pm gewwa Triq l-Imdina, Zebbug, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Manuel Azzopardi bin-numru ta’ registrazzjoni AAN-382 u l-vetturi misjuqa mill-konvenuti Luigi Sammut u Odette Galea bin-numru ta’ registrazzjoni CAS-914 u CBA-149 rispettivament, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Dicembru, 2001, u ta’ dik li qed tintbaghat kontestwalment lil GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera CGU Insurance plc u SMS Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali tat-3 ta’ Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuta Odette Galea prezentata fl-14 ta’ Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici, stante li l-incident sehh minghajr ebda htija da parti ta’ l-istess konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenut Luigi Sammut prezentata fit-30 ta’ Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-konvenut Sammut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort tal-konvenuta l-ohra Odette Galea, minhabba imperizja,

traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Odette Galea li harget minn triq laterali u minn wara “blind corner” minghajr ma zammet “proper lookout”, hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta’ PS 585 Joseph Bayliss, Godfrey Azzopardi, Odette Galea, Luigi Sammut u Emmanuel Fenech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta’ Mejju, 2001, fis-7.30p.m. bejn il-vettura AAN-382 misjuqa minn Manwel Azzopardi u l-vetturi CAS-914 misjuqa mill-konvenut Luigi Sammut, u l-vettura CBA-149 misjuqa mill-konvenuta Odette Galea. L-incident gara fi Triq l-Imdina, Zebbug.

2. L-attur kien gej mid-direzzjoni tar-Rabat biex imur lejn Haz-Zebbug u kien miexi wara l-vettura misjuqa minn Sammut u cioe’ bin-numru ta-registrazzjoni CAS 914 liema vettura kienet mixja fuq il-lemin u taghfas hafna fuq il-lemin. Skond l-attur malli harget il-vettura misjuqa minn Galea minn hdejn il-Hunters Bar cioe’ mill-faccata sar l-impatt mal-vettura ta’ Sammut. L-istess attur jinnota illi Galea bil-fors kellha taghfas max-xellug. L-attur ighid li hu ghafas il-brake u spicca fil-vettura ta’ Sammut. Il-vetturi ta’ Sammut u Galea habtu mudguard ma’ mudguard u l-vettura ta’ Sammut daret 180º . Skond l-attur Sammut ma kien ghamel l-ebda sinjal li kien qed jaghfas ghan-nofs.

3. Il-konvenuta Galea tghid illi kif daret sabet il-vettura ta’ Sammut ezatt ma’ wiccha u bid-daqqa ntefghet f’vann ipparkjat li hu ndikat a fol 15 tal-process. Hi qalghet id-daqqa mal-genb tal-lemin in-naha ta’ quddiem, u bid-daqqa mill-vettura ta’ Sammut laqtet ragel li kien hdejn il-

karozza pparkjata. Skond l-istess xhud wara l-habta giet il-vettura ta' l-attur li baqghet diehla gol-konvenut Sammut. Il-konvenuta Galea tinsisti li Sammut kien qed isuq fuq in-naha taghha.

4. Il-konvenut Sammut ighid li kien ghaddej fi Triq l-Imdina vicin il-Hunter's Bar niezel mir-Rabat miexi fid-direzzjoni ta' Hal Qormi u meta wasal fejn il-Hunter's Bar, li jinsab f'kantuniera, harget il-konvenuta Galea biex tmur lejn ir-Rabat, u peress li kien hemm truck ipparkjat Galea gibdet aktar il-barra u meta harget laqtitu fix-xewka tal-lemin ta' quddiem sal-pilastru tal-bieba. Sammut jghid li l-habta grat fil-karreggjata tieghu u li hu ma kellhux l-intenzjoni li jdur lejn Haz-Zebbug.

5. Mix-xhieda mismugha ma jirrizultax illi l-vetturi kienu ghaddejjin b'xi velocita', pero' jirrizulta li anke kif spiccaw il-vetturi wara l-incident illi l-konvenuta Galea kienet qieghda pjuttost fil-karreggjata taghha. Pero`, fil-fehma tat-Tribunal il-punt immarkat "X" mill-konvenuta fuq l-isketch a fol 15 bhala li jindika approssimattivament fejn gara l-impatt huwa diskutibbli. It-Tribunal, in vista ta' kif spiccaw il-vetturi, jqies illi necessarjament il-punt ta' l-impatt kien aktar 'l barra minn dak indikat. Huwa minnu illi l-konvenuta Galea kienet hierga ghal go triq principali, pero' dina ma setghetx tippretendi illi ssib lill-konvenut Sammut qed jinvadi l-karreggjata taghha. Bl-impatt li sehh il-konvenut Sammut gie mdawwar u konsegwentement sar l-impatt mal-vettura ta' l-attur peress illi gielu kompletament fin-nofs.

6. Ix-xhud Emanuel Fenech li safa mwegga' f'dan l-incident jikkonferma illi l-konvenuta Galea harget u hadet id-direzzjoni tar-Rabat u meta laqatha Sammut hi giet lura ghal fuqu. L-istess xhud jikkonferma illi l-iskizz esebit huwa vicin hafna ta' kif kienu l-vetturi fil-hin ta' l-incident pero' rilevanti illi l-istess xhud ma setghax jara l-incident isehh peress illi hu kien daru lejn fejn gara l-incident.

7. Jekk wiehed jara r-ritratti esebiti specjalment id-Dok LS 2 wiehed jista' japprezza aktar il-viswali li kellhom iz-zewg konvenuti f'dan l-incident. Ma hemmx dubbju illi

kieku l-konvenut Sammut kien miexi kompletament fil-karreggjata tieghu l-incident ma kienx isehh. Mill-lat l-iehor wiehed ma jistax jinjora l-fatt illi Galea kienet hierga minn side road ghal go main road, u ma kelliex dik il-vizwali indisturbata li kellu l-konvenut l-iehor, u dana minhabba li kien hemm vettura parkeggjata vicin tal-kantuniera, u ghalhekk necessarjament kellha tisporgi xi ftit biex tara x'inhu gej. Ghalhekk l-istess konvenuta kellha tuza aktar diligenza fil-manuvra taghha.

8. Ghalhekk it-Tribunal jasal sabiex jikkonkludi illi ghal din il-kollizzjoni, ma jahti xejn ghaliha l-attur, u sehhet minhabba illi l-konvenut Sammut kien qed isuq wisq fuq il-lemin tat-triq b'mod illi nvada l-karreggjata ta' min kien hiereg ghal gol-main road. Mill-lat l-iehor il-konvenuta Galea ghandha r-responsabbilta' taghha wkoll in kwantu din kienet qed taghmel manuvra biex tidhol minn go side road ghal go main road u kien jispetta lilha wkoll li tuza' d-debita diligenza fic-cirkostanzi kif intqal. Ghaldaqstant fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli fl-istess grad ghall-incident li sehh.

9. Id-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal hames mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm511.82) u dana kif jirrizulta ampjament mid-Dok EA 1 sa EA 8.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi kif fuq intqal isib liz-zewg konvenuti responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ugwali, jikkundanna lill-konvenut Luigi Sammut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija tnejn u tmenin lira Maltija wiehed u disghin centezmu (Lm182.91) u lill-attur Manuel Azzopardi s-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltija (Lm73.00) u jikkundanna wkoll lill-konvenuta Odette Galea thallas ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija tnejn u tmenin lira Maltija wiehed u disghin centezmu (Lm182.91) u lill-attur Manuel Azzopardi s-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltija (Lm73.00), ilkoll bl-interessi legali dekorribbli mit-3 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez ta’ dina l-istanza nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Dicembru, 2001, u ta’ dik mibghuta kontestwalment ma’ l-avviz lil GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera CGU Insurance plc u SMS Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti fi kwoti wgwali bejniethom.”

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg konvenuti. Bl-appell principali tieghu l-konvenut Luigi Zammit jipproponi dawn iz-zewg punti:

(1) It-Tribunal kellu jsib htija kontirbutorja f’ Godfrey Azzopardi in kwantu dan ma zammx *safe distance* allavolja kien konxju minn dak li ser jissucciedi;

(2) Il-kawza prossima tal-kollizjoni kienet attribwibbli lill-konvenuta Odette Galea li meta daret il-kantuniera ma zammetx lejn il-karreggjata taghha;

Bl-appell incidentali taghha l-konvenuta Odette Galea invece takkolla t-tort kollu fuq il-konvenut Luigi Sammut li, skond kif minnha sottomess, invada l-karreggjata taghha meta hi kienet diga` dahlet fit-triq fejn sehh l-incident;

Ma jidherx li jokkorri li jigu ripetuti l-fatti saljenti anke ghaliex dawn huma sew riportati fis-sentenza appellata. L-incident kien jinvolvi habta bejn erba’ vetturi, tnejn gejjin mid-direzzjoni tar-Rabat f’ Mdina Road – dawk ta’ l-attur Godfrey Azzopardi u l-konvenut Luigi Sammut – ohra diehla ghal go Mdina Road mid-direzzjoni ta’ Hal Qormi – dik tal-konvenuta Odette Galea, li baqghet diehla b’ rizultat ta’ l-impatt f’ vettura stazzjonarja tax-xhud Emmanuel Fenech, li incidentalment gie ukoll investit;

Il-gravam ta’ l-appellant Luigi Sammut jitlaq mill-punt illi anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argoment hu seta’ kien b’ xi mod responsabbli ghall-kollizjoni, b’ danakollu fil-fattispecji

tal-kaz kienet tikkonkorri responsabilita` anke da parte ta' l-assigurat tas-socjeta` attrici assiguratrici in virtu ta' negligenza kontributorja. Jidher mill-kumpless illi l-appellant jattribwixxi din in-negiligenza kontributorja f' Godfrey Azzopardi fin-nuqqas tieghu li ma zammx distanza adegwata u b' hekk allura ma setax jiehu azzjoni evaziva. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Ibda biex hu accettat li s-sewwieq Azzopardi, li kien qed isegwi l-appellant, kien qed isuq bi *speed* moderat u kif graw l-avvenimenti dan ma kienx kaz fejn l-appellanti waqaflu f' daqqa u hu ma setax jieqaf *a tempo* izda kien kaz fejn mal-habta il-vettura ta' l-appellant daret 180 *degrees* u giet fuqu. L-attur isostni li hu kien tul ta' zewg jew tliet karozzi meta ghafas il-*brake*. L-iskontru ghalhekk kien inevitabbli u din il-Qorti ma tista' ssib l-ebda negligenza antecedenti ta' l-attur. L-aggravju fuq dan il-punt ma jistax allura jigi akkolt;

Kwantu ghat-tieni gravam l-appellant jaddossa l-htija fuq il-konvenuta. Din minn naha taghha tirribatti li l-kolpa kienet kollha ta' l-appellant principali. Qabel ma tghaddi biex tesprimi r-ragunijiet taghha in meritu ghal dawn l-aggravji – principali u incidentali – tajjeb li jigi puntwalizzat dak li drabi ohra gie enuncjat, u, cjoe, "hu obbligu ta' kull *driver* li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolta bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vehikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' kull *driver* li jzomm dik li komunement tissejjah '*a reasonable careful look out'*, liema dmir igib mieghu li d-*driver* jara dak li hu ragonevolment vizibbli. Jekk id-*driver* jonqos milli josserva dawn iz-zewg regoli ta' prudenza u jigi f' kollizjoni ma' vettura ohra, huwa jkun hati ta' negligenza kontributorja, jekk il-vettura l-ohra wkoll kienet negligenti" – **Kollez. Vol. XLVI P I p 112**;

Komplimentari ma' din l-enuncjazzjoni jokkorri jigi precizat ukoll illi "l-accident mhux xi entita` astratta izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-entita` tieghu; event bl-incidenti inerenti mieghu in kwantu minnu jidderivaw id-danni; il-

kwestjoni mhix biss ta’ kawzalita` izda wkoll ta’ responsabilita`, u min bin-negligenza tieghu kkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza d-danni li jkunu graw ikun ikkawza jew ikkontribbwixxa biex jikkawza l-‘accident’ u ‘pro tanto’ hu responsabbli ghalihom” – **Kollez. Vol. XLVIII P I p 163**;

Affermati dawn il-principji r-rizoluzzjoni tal-vertenza hi dipendenti fuq il-valutazzjoni tal-provi u d-dinamika ta’ l-iskontru;

Ma jistax ikun dubitat illi l-iskizz preciz preparat mis-Surgent PS585 Joseph Bayliss (fol. 15) jikkostitwixxi l-prova determinanti f’ dan il-kaz. Dan juri bla ebda ombra ta’ dubju li fil-mument ta’ l-impatt, l-appellanti kien oltrepassa l-linja medjana tat-triq u dan anke jekk bid-daqqa din regghet giet spustata. Jirrizulta mix-xhieda ta’ Godfrey Azzopardi (fol. 20) illi gja qabel il-habta hu kien osserva lill-appellanti jaghfas hafna fuq il-lemin, tant li ppreokkupa ruhu illi jekk tigi vettura mill-faccata l-accident kien ikun inevitabbli. Huwa veru li s-Surgent irregistra biss il-fatti tal-habta u mhux ukoll il-kawza li pprovokat l-incident izda dan ma jnaqqas xejn mill-osservazzjoni ovvja illi, skond l-iskizz u dak rakkontat mis-sewwieqa *a tempo vergine* lill-istess Surgent, l-appellant ma kienx attent u lanqas ma nduna li invada l-karreggjata li kienet f’’ dak il-mument ser tibda tigi transitata mill-konvenuta Odette Galea. Sewqan bhal dan necessarjament jimplika dizattenzjoni u mprudenza;

Logikament id-debita diligenza hi rikjesta indistintament mill-konducenti kollha tat-triq u hu dmir taghhom li jzommu dejjem *proper look out* ghal kull emergenza li tista’ tissucciedi quddiemhom biex b’ hekk jevitaw investimenti ta’ vetturi jew persuni;

Jirrizulta li l-vizwali tal-konvenuta Odette Galea kienet ostakolata jew limitata minhabba l-vann jew trukk ipparkjat fuq ix-xellug taghha. Jirrizulta wkoll li hi htiegilha tisposta ruhha aktar lejn il-lemin. Hi stess tiddikjara li kif daret mal-

Hunter's Bar sabet trukk ipparkajt fil-kantuniera u f' daqqa wahda rat lill-appellant gej u jahbat maghha. Mill-iskizz, kuntrarjament ghal dak sottomess minnha fl-appell incidentali, ma jidherx li hi kienet dahlet ghal kollox f' Mdina Road izda kienet ghadha kif appena xirfet minn wara t-trukk. Hi ma setghetx tevita l-incident ghax kienet konfrontrata, habta u sabta, bis-sitwazzjoni krejata mill-appellanti principali;

Il-konkluzjoni tat-Tribunal fir-rigward tar-responsabilita` ta' Odette Galea kienet bazata fuq il-premessa illi din harget minn triq laterali. Bir-rispett kollu din il-prova ma tirrizulta minn imkien mill-atti. Jirrizulta, mhux kontradett, illi din is-sewwieqa kienet gejja mit-triq principali li minn Hal Qormi taghti ghal Haz-Zebbug jew ir-Rabat. Biex taqbad il-via ghar-Rabat u tidhol f' Mdina Road trid iddur ma' *roundabout* hdejn il-monument ta' Mikiel Anton Vassalli. Dawn il-fatti huma ben maghrufa mill-gudikant sedenti;

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal illi l-imsemmija *driver* kienet ko-responsabbli ghall-incident. Issa mill-i*sketch* jidher li kif appena din is-sewwieqa kienet qed taqbad Triq Mdina tfacca mill-ewwel fuqha l-appellant Sammut. F' din is-sitwazzjoni kieku dan l-appellant kien qieghed isuq bil-mod prudenti li kienu jiddettwalu c-cirkostanzi kellu jigbed aktar lejn ix-xellug tieghu biex jevita l-habta. Id-dizattenzjoni u n-nuqqas ta' prudenza tieghu tidher aktar accentwata mill-istqarrija tieghu stess rilaxxjata lis-Surgent li nvestiga l-incident. "*Asked by the Police he states that he didn't know that he collided into vehicle CBA* 149". Mhux ta' b' xejn li l-konducenti Odette Galea tallega li nhasdet ghax kif kienet qed iddur sabet il-vettura ta' Sammut "ezatt ma' wicci" (fol. 45);

Huwa l-kaz ghalhekk li *di fronte* ghad-*driver* Odette Galea din il-Qorti tiddistruba l-apprezzament tat-Tribunal tac-cirkostanzi li ddeterminaw ir-responsabilita` kontributorja taghha ghas-sinistru.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell incidentali ta' Odette Galea u b' hekk tiskolpaha minn kull addebitu ta' htija ghall-incident li sehh fl-24 ta' Mejju 2001; tichad l-appell principali tal-konvenut Luigi Sammut in kwantu ssibu unikament fi htija ghall-istess incident. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mill-istess konvenut Luigi Sammut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------